**Fit-Tribunal Industrijali**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol numru 2736/JB bejn -**

**Bonnici Christine (KI 79569M)**

**-VS-**

**Is-socjeta' Civili BDO Attard Buttigieg Psaila & Co u kif ukoll John Attard, Carmel Buttigieg, John Psaila u Ray Bonello.**

***Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hu ngusta.***

**Chairman: - Avv. Joseph P Bonnici LL.D., Adv. Trib. Eccles. Melit**

**Decizjoni Numru 2064**

Illum tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011)

**INTRODUZZJONI**

Illi r-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn ma' l-intimati ma saritx ghal raguni gusta aktar u aktar meta kienet fi stat ta' gravidanza.

Da parti taghhom, l-intimati allegaw li una volta kienet ghadha fit-terminu tal-prova huma ma kinux tenuti la li jzommuha fl-impjieg u wisq anqas jaghtu raguni ta' terminazzjoni.

**FATTI**

Illi hemm qbil bejn il-partijiet fuq il-fatti li taw lok ghal din il-pendenza.

Ir-rikorrenti giet assunta tramite kuntratt indefinit ta' xoghol mill-intimati. Infurmathom li kienet gravida u l-intimati tawha ittra ta' terminazzjoni.

Ir-rikorrenti tallega li t-terminazzjoni saret minhabba l-istat taghha. L-intimati jallegaw li ma onoratx il-kondizzjonijiet tal-impjieg. Apparti minn hekk, pero' huma kellhom kull dritt jitterminaw l-impjieg minghajr ma jaghtu raguni multo magis meta l-perjodu tal-prova kien ghadu in vigore. Mhux kontestat mir-rikorrenti li giet rinfaccjata bit-terminazzjoni fid-dekorrenza ta' dan il-perjodu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. Illi r-rikorrenti tibbaza l-kaz taghha fuq id-dettami tal-Council Directive 92/85/EEC. Jigi rilevat pero' li din id-Direttiva giet assimilata' fil-ligi nostrali tramite Avviz Legali 439 tas-sena 2003 – Regolamenti ta' 2003 dwar il-Harsien tal-Maternita' (Impjieg). L-Art 1 (1) jistipula li l-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jippreskrivi htigijiet minimi biex jissalvagwardjaw d-drittijiet tal-impjieg ta' impjegati tqal jew li ghandhom kemm iweldu jew li qed irreddghu. Id-definizzjoni ta' dawn l-impjegati tinsab fl- Art (2) (1).

2. L-Art 12(1) jipprotegi l-impjieg taghhom matul iz-zmien tal-gravidanza, leave ta' maternita jew leave specjali ta' maternita'. L-Art 12(3) jaghti l-fakolta' pero' li l-impjieg jigi terminat taht certi kundizzjonijiet. Tikkostitwixxi tkeccija ngusta jekk ai termini tal-Art 12(1)(a)(b), il-principal igieghel lill-impjegata b'dawk il-kwalitajiet tikser ir-regolamenti u/jew tirrinunzja ghad-drittijiet moghtija minn dawn l-istess regolamenti. Tali tkeccija hija prottetta bl-Art 36(4)(d) tal-Kap 452. Il-gravidanza ma tikkostitwix raguni tajba u sufficjenti.

3. Illi dak li huwa partikolari fil-kaz in dezamina huwa li tali terminazzjoni ta' impjieg giet implimentata fil-perjodu ta' prova tal-impjegata l-odjerna rikorrenti. Id-Direttiva citata mir-rikorrenti ma taghmel l-ebda riferenza ghal tali perjodu. Anzi ma ssir l-ebda riferenza ghalih. Titkellem unikament fuq impjieg sic et simpliciter minghajr ebda kwalifika. Il-ligi taghna, principalment fil-Kap 452 - Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali - hija specifika fuq tali perjodu. L-Art 36 (1) jimponi terminu ta' sitt (6) xhur bhala zmien ta' prova meta ma jkunx hemm ftehim ghal perjodu anqas. Jista' jkun ta' sena f' certi impjiegi partikolari.

4. Is-Subinciz (2) jghid testwalment 'Waqt l-impjieg bi prova, l-impjieg jista' jigi mitmum' minn min ikun irid miz-zewg partijiet minghajr ma jaghti raguni. Issir riferenza ghal diversi decizjonijiet tal-Qorti Ordinarji u ta' dan it-Tribunal, fosthom "Carmel Farrugia *vs* Alexandra Palace Hotel Ltd" (P/A 7/7/03), "Musab al Kalbash Miftah *vs* Farsons Agent Burmarrad Depot" (27/4/06), "Andrei Attard *vs* Excel Group Ltd" (05/07/02), "Kevin Cutajar *vs* Price Club Operation Ltd" (12/1/99), "Michael George Done *vs* Rimus Riley Ltd" (25/10/06), "Robert Desira Buttigieg *vs* Bay Street Holding Ltd" (P/A 12/6/03). Huwa kondizjonat unikament minn pre-avviz ta' gimgha. Ma tirrizulta l-ebda dispozizzjoni li certi klassi ta' impjegati huma ezenti minn tali applikazzjoni dwar zmien bi prova. Fin-nuqqas ta' simili eccezzjoni, allura dan il-perjodu ghandhu japplika ghal dawn l-impjegati femminili ukoll li jkunu f' dak l-istat partikolari.

5. Illi mhux hekk biss izda l-istess Avviz Legali fuq citat jahseb differentement. L-Art 12(2) jghid testwalment: - "Id-disposizzjonijet ta' dan is-subregolament (1) gja citat aktar il-fuq huma bla pregudizzju u ma ghandhomx japplikaw ghal kazijiet li jaqghu taht l-Art 36(2) (4) (14) tal-Kap 452".

**In sintesi, dawn is-subincizi jistipulaw is-segwenti**:-

L-Art 36 (2) jistipula kif gja nghad ghal terminazzjoni waqt zmien bi prova.

L-Art 36 (4) jistipula l-applikabilita' tal-principju tal-*last in first out* f' kaz ta' *redundancy*.

L-Art 36 (14) gja citat jistipula istanzi fejn principal ma jistax igib bhala raguni tajba u bizzejjed biex impjegat jintbaghat mix-xoghol. Dawn it-tlett eccezzjonijiet ghal principju bazilari jista' jaghtu l-impressjoni li mara f'dak l-istat jew kondizzjoni qed issir diskriminazzjoni maghha. Dan hu dak li qed tallega l-odjerna rikorrenti. Ghal kuntrarju l-provvediment legislattiv ta' non-applikazzjoni huwa precizament intiz biex ma ssirx preferenza ma' mara fl-istat partikolari taghha u minhabba in natura taghha stess vis a vis persuni ohra li mhux fl-istat taghha. F' dan is-sens issir din id-diskriminazzjoni ma' mpjegati femminili ohra li ma humiex f' dak l-istat partikolari u/jew ma impjegati rgiel. Dawk it-tlett artikoli japplikaw b'mod ugwali imparzjali ghall-impjegati in vista li huma ta' essenza fondamentali. Il-ligi dana ma' tridux u ghalhekk hemm dawk l-ezenzjonijiet. *Ubi lex voluit dixit*.

**KONKLUZJONI**

Illi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-talba tar-rikorrenti ma taqax fil-parametri tal-ligi u dana in vista tal-Art 36 (1) (2) tal-Kap 452 u Art 12 (2) tal-Avviz Legali 439 tas-sena 2003 stante li l-impjieg gie terminat fiz-zmien tal-prova. F' dan is-sens tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimati.

Drittijiet jammontaw ghal tmenin Euro (€80).

(Iffirmat) Avv. Joseph P Bonnici LL.D., Adv. Trib. Eccles. Melit
Chairman

VERA KOPJA

Vincent Micallef
Segretarju